



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit*

---

**2010/2300(INI)**

31.3.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw  
(2010/2300(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bart Staes

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jagħraf li l-appoġġ baġitarju huwa strument ta' żvilupp kontroversjali, li jimplika sfidi u opportunitajiet; jirrikonoxxi li jirrispetta l-prinċipji ta' żvilupp billi jżid is-sjieda u jsaħħaħ id-djalogu fost is-sħab u d-donaturi, u jipprovdi l-vantaġġ ta' spejjeż ta' tranżazzjoni baxxi filwaqt li fl-istess ħin, jinvolvi r-riskju ta' approprjazzjoni indebita u użu ta' fondi mhux mixtieq, f'każijiet fejn il-ġestjoni finanzjarja pubblika ta' pajjiżi riċevituri ma tkunx trasparenti, responsabbli u effikaċi biżżejjed; jenfasizza li l-appoġġ baġitarju mhuwiex ir-risposta t-tajba għal kull sitwazzjoni u qatt m'għandu jitqies bħala l-unika għażla;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, qabel ma tingħata l-għajjnuna baġitarja, li l-miri ta' intervent jkunu jiffurmaw parti mill-programmi nazzjonali tal-pajjiż riċevitur u li l-prinċipji ta' koordinament, komplementarjetà u koerenza frabta ma' donaturi oħrajn, kif ukoll l-addizzjonalità għar-riżorsi allokatu mill-pajjiż riċevitur, jiġu rispettati;
3. Bil-għan li tiġi żgurata r-rilevanza tal-għajjnuna baġitarja tal-UE, jistieden lill-Kummissjoni tallinja l-ippogrammar tagħha billi ttejjeb it-tnejn u d-dokumentazzjoni tad-deċiżjonijiet għat-tnejn ta' operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u meta jitqiesu r-restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi fid-Delegazzjonijiet, li spiss jillimitaw il-kapaċità tagħha li twettaq ċerti attivitajiet, jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi persunal kwalifikat biżżejjed għall-proċess ta' implimentazzjoni, peress li l-appoġġ baġitarju jeħtieġ ħliet analitiċi differenti minn dawk għall-finanzjament ta' proġetti u programmi;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tifformula l-oġettivi b'tali mod li jagħmluha possibbli li tittejjel l-effikaċja tal-programmi u li l-Kummissjoni tinżamm responsabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis kif xieraq il-ħtiġijiet prijoritarji ta' bini ta' kapaċità tal-pajjiż;
5. Itenni s-sejħiet preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni biex ikun hemm ċaqliqa mill-kontroll fuq l-inputs għall-verifika tar-riżultati meta mqabbla mal-indikaturi, billi ttejjeb is-sistema ta' rappurtar tagħha sabiex tkun ikkonċentrata fuq l-effikaċja tal-programmi;
6. Bl-għan li jitnaqqsu r-riskji fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi assoċjati mal-programmi ta' appoġġ baġitarju, jistieden lill-Kummissjoni tpoġġi fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tar-riskju effiċjenti;
7. Jinsab imħasseb li l-Qorti tal-Awdituri ('il-Qorti') fir-rapport Annwali tagħha dwar l-attivitajiet ifffinanzjati mit-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2009, sabet li l-ħlasijiet ta' appoġġ baġitarju kienu ġew affettwati minn frekwenza għolja ta' żbalji mhux kwantifikabbli kaġun tan-nuqqas ta' turija ta' konformità formalizzata u strutturata mal-kundizzjonijiet ta' ħlas; fl-istess waqt jieħu nota u jilqa' t-titjib sostanzjali fit-turija tal-eliġibilità osservata mill-Qorti

fl-ambitu tal-10 FEŻ grazzi għal oqsfa ta' valutazzjoni aktar ċari li attwalment qegħdin jintużaw regolarment;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kundizzjonijiet speċifiċi marbutin mal-ħlas ibbażat fuq il-prestazzjoni ta' porzjonijiet varjabbli jispeċifikaw b'mod ċar l-indikaturi, il-miri, il-metodi ta' kalkolu u s-sorsi ta' verifika u li r-rapporti tad-Delegazzjonijiet jagħtu turija strutturata u formalizzata tal-progress tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi billi jistabbilixxu biċ-ċar il-kriterji li magħhom għandu jiġi vvalutat il-progress, il-progress magħmul u r-raġunijiet l-għala l-programm ta' riforma seta' ma ġiex implimentat skont il-pjan;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri neċessarji kollha kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi riċevituri, inkluż is-sospensjoni tal-ħlasijiet jekk meħtieġ; f'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni żżomm djalogu mill-qrib u regolari mal-gvernijiet sħab dwar il-kwistjonijiet ta' korruzzjoni u billi tagħti attenzjoni biżżejjed fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' bini ta' kapaċità ta' pajjiżi riċevituri partikolari f'termini ta' mekkaniżmi ta' għoti ta' rendikont u kontra l-korruzzjoni; jinnota li fost is-27 pajjiż tal-AKP li mhumiex f'pożizzjoni fraġli u li għalihom l-appoġġ baġitarju ġenerali (GBS) kien ippjanat fid-dokumenti strateġiċi tal-pajjiż għall-10 FEŻ, tmax minnhom, fuq il-bażi tal-Indiċi ta' Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2009 minn Transparency International, huma klassifikati li għandhom 'korruzzjoni rampanti', u tas-sitt pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja bi programmi tal-GBS, b'ħamsa minnhom ingħataw l-istess klassifikazzjoni;
10. Itenni l-fehma tiegħu li l-involviment tal-parlamenti nazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi sħab huwa indispensabbli biex tinkiseb sjieda ġenwina tal-proċess u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tagħmel kull sforz sabiex ittejjeb id-djalogu ma' dawn l-entitajiet fl-istadji varji kollha tal-proċess ta' pprogrammar;
11. F'dan ir-rigward, jinsisti dwar l-implimentazzjoni effikaċi tar-rekwiżit inkluż fl-Artikolu 25 (b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ta' żvilupp (Regolament tad-DCI)<sup>1</sup>, li jstipula li "l-Kummissjoni għandha konsistentement tuża approċċ ibbażat fuq riżultati u indikaturi tar-rendiment u għandha tiddefinixxi u tissorvelja b'mod ċar il-kondizzjonalità tiegħu u tappoġġa sforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiżviluppaw kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta' awditjar u biex iżidu t-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni", u jħeġġeġ lill-Kummissjoni testendi dawn id-dispożizzjonijiet għall-appoġġ baġitarju lill-pajjiżi benefiċarji tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp (il-pajjiżi tal-AKP) li s'issa, għalihom, kienu japplikaw biss il-kriterji l-aktar tekniċi tal-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou;

---

<sup>1</sup> ĠU L 37, 27.12.2006, p. 41.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.3.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 15 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Jorgo Chatzimarkakis, Luigi de Magistris, Tamás Deutsch, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Gerben-Jan Gerbrandy, Ingeborg Gräßle, Ville Itälä, Cătălin Sorin Ivan, Iliana Ivanova, Elisabeth Köstinger, Monica Luisa Macovei, Bart Staes
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Monika Hohlmeier, Véronique Mathieu, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karin Kadenbach, Evgeni Kirilov, Brian Simpson